MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2008

Numru. 45/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**John Francis Buttigieg ta' 23 sena, iben Frank u Antoinette nee' Grima,**
**imwieled Toronto Canada, nhar it-8 ta' Dicembru, 1984, residenti gewwa 'Honey Comb'', Triq in-Nadur, Qala, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 71896(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi John Francis Buttieg li gie akkuzat talli;

a) Fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Lulju 2008 gewwa Ghanjsielem, Ghawdex ghal habta tas-siegha u nofs ta'

filghodu (01:30hrs) ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ fuq membru tal-Korp tal-Pulizija PS581 Loreto Buttigieg, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
b) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara fil-wire tar-radio tas-servizz (PTT) ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta, liema hsara tammonta ghal hamsa u hamsin ewro (55) liema ammont huwa izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) izda anqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);
c) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrifjuta li jaghti taghrif dwar dak li fuqu gie mistoqsi, jew ta taghrif jew partikularitajiet foloz, lil min kien inkarigat minn servizz pubbliku u cioe’ lil membru tal-Korp tal-Pulizija PS581 Loreto Buttigieg waqt li kien qieghed jaghmel id-dmierijiet tieghu;
d) U aktar talli fl-istess datra gewwa l-Qala Ghawdex ghal habta tat-tlieta ta’ filghodu (03:00hrs) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika u cioe’ kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija fosthom PS581Loreto Buttigieg, PC1153 Mark John Cardona, PC556 Jonathan Spiteri fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti mill-awtorita’ kompetenti;
e) U aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa lil persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizja fosthom PS581 Loreto Buttieg u PC1153 Mark cardona kif gew iccertifikati minn Dr. J. Galea MD;
f) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat illum seduta stante u fid-dawl tal-provi l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali kwazi nadifa tieghu. Madankollu l-Qorti ma tistax hlief tikkundanna l-imgieba tal-imputat li bl-iskop li jghin habib tieghu, minflok ma obda l-ordnijiet tal-Pulizja, fixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Il-Qorti tosserva li l-imputat irrealizza li zbalja fl-agir tieghu, skuza ruhu mal-Ufficjal tal-Pulizija u iddikjara li lest li jhallas il-hsara kkagunatha;

Il-Qorti ghaldaqstant qed taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikoli 95 u 96, 221, 325(c), 338(g) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata;

Finalment il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 qed tordna lill-imputat ihallas lill-Kummissarju tal-Pulizija bhala danni s-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55) fi zmien erba' (4) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------